MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2006

Talba Numru. 356/2006

**Maltacom plc**

**Vs**

**Christian Roger Marlin**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz fl-ismijiet premessi fejn is-socjeta` attirici qed titlob illi tithallas s-somma ta' tlett mija u erbgha u ghoxrin lira u sebgha u erbghin centezmu (Lm324.47) minghand il-konvenut rapprezentanti kont fuq servizz tat-telefon bin-numru 21412890 kif jirrizulta mid-dokumenti annessi mmarkati bhala Dok A, Dok B u Dok C.

Ra illi l-konvenut ghalkemm debitament notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni ghall-istess talba.

Sema’ x-xhieda ta’ Dr Ingrid Zammit Young li bil-gurament taghha kkonfermat li l-ammont mitlub ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta’ u jiddeciedi dan il-kaz billi jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici is-somma kif mitluba ta’ tlett mija u erbgha u ghoxrin lira u sebgha u erbghin centezmu (Lm324.47) bl-imghaxijiet legali dekoribbli mid-data ta’ din is-sentenza u bl-ispejjez kollha ta’ din l-istanza a karigu ta’ l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------